VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,972, 9 ta' Diċembru, 2022
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVIII tal-2022

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464.

ACT No. XVIII of 2022

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Health Care Professions Act, Cap. 464.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

9 ta' Diċembru, 2022

ATT Nru XVIII tal-2022

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464.

1. It-titolu ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 464.

2. Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin: Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

"(6) Għall-iskopijiet ta' dan l-Att, l-attivitajiet professjonali tal-kirurgi dentali huma dawk definiti fis-subartikolu preċedenti u eżerċitati skont il-kwalifiki professjonali elenkati fil-Parti IIa tat-Tieni Skeda.

(7) Il-professjoni tal-kirurgu dentali għandha tkun ibbażata fuq it-taħriġ dentali indikat fis-subartikolu (1) u għandha tikkostitwixxi professjoni speċifika li hija distinta minn professjonijiet mediċi ġenerali jew speċjalizzati oħra. L-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' kirurgu dentali jeħtieġu l-pussess ta' prova ta' kwalifiki formali indikati fit-Taqsima IIa tat-Tieni Skeda. Id-detenturi ta' tali prova ta' kwalifiki formali għandhom jiġu trattati bl-istess mod bħal dawk li għalihom japplikaw l-artikolu 42A jew is-Sitt Skeda.".

A 436

Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

3. Il-paragrafu (d) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) F'każ ta' professjonijiet regolati li ma jibbenefikawx minn rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki, il-Kunsill rilevanti jista' jivverifika l-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz qabel l-ewwel provvista tas-servizzi. Tali verifika preċedenti tista' ssir unikament meta l-għan tal-istess verifika jkun sabiex tiġi evitata ħsara serja għas-saħħa jew is-sigurtà tar-riċevitur tas-servizz minħabba f'nuqqas ta' kwalifika professjonali tal-fornitur ta' servizz u fejn dan ma jkunx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dak l-għan.".

Emenda tal-artikolu 42A tal-Att prinċipali.

4. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 42A tal-Att prinċipali l-kliem "is-subartikolu (1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-subartikolu (2)".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 66 tal-5 ta' Diċembru, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati